

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Tomat u K.-P. Wojcik, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller, D. Klebs u S. Heimerl, aġenti) u Land Niedersachsen (il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Barth u H. Gading, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 final, tat-12 ta' Lulju 2018, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet dwar il-miżura adottata mil-Land Niedersachsen skont l-Artikolu 7a tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali ta' Niedersachsen) [Każ SA.46538 (2017/NN)] (ĠU 2018, C 292, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Gesamtverband Verkehrsgewerbe Niedersachsen e.V. (GVN) minbarra l-ispejjeż tagħha, għandha tbat i dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Land Niedersachsen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 427, 26.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2020 – Hermann Albers vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-597/18) (¹)

(Għajjnuna mill-Istat – Trasport pubbliku għall-passiġġieri – Kumpens għal spejjeż inerenti f'obbligi ta' servizz pubbliku – Obbligu li jiġu stabbiliti prezzijiet massimi għall-aljjevi, studenti, apprendisti u persuni b'mobbiltà mnaqqa – Artikolu 7a tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali ta' Niedersachsen) – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 – Trasferiment ta' riżorsi finanzjarji minn Land għal awtoritajiet organizzattivi tat-trasport fuq livell municijali – Kunċett ta' għajjnuna – Obbligu ta' notifika)

(2020/C 433/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Hermann Albers e.K. (Neubörger, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Roling, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Tomat u K.-P. Wojcik, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller, D. Klebs u S. Heimerl, aġenti) u Land Niedersachsen (il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Barth u H. Gading, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 final, tat-12 ta' Lulju 2018, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet dwar il-miżura adottata mil-Land Niedersachsen skont l-Artikolu 7a tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali ta' Niedersachsen) [Każ SA.46697 (2017/NN)] (ĠU 2018, C 292, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Hermann Albers e.K. minbarra l-ispejjeż tagħha, għandha tbat i dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Land Niedersachsen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 427, 26.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2020 – smart things solutions vs EUIPO – Samsung Electronics (smart:)things

(Kawża T-48/19) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva smart:)things – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1) (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament 2017/1001 – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001”)

(2020/C 433/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: smart things solutions GmbH (Seefeld, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Dissmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Söder, H. O'Neill u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Samsung Electronics GmbH (Schwalbach/Taunus, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schmitz, M. Breuer u I. Dimitrov, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Novembru 2018 (Każ R 835/2018-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Samsung Electronics u smart things solutions

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) smart things solutions GmbH hija kkundannata tbat i l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Samsung Electronics GmbH.

(¹) ĠU C 103, 18.3.2019.